

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

### Suġġett

Annnullament tad-deċiżjoni li ma jiġix inkluż ir-rikorrent fost l-uffiċjali promossi għall-grad AST6 fil-proċedura ta' promozzjoni 2009.

### Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tad-29 ta' Ġunju 2010, li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;
- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tal-24 ta' Novembru 2009, ippubblikata fit-2 ta' Diċembru 2009, li ma jiġix inkluż ir-rikorrent fil-lista ta' uffiċjali promossi fil-grad AST6 abbażi tal-proċedura ta' promozzjoni 2009;
- tindika lill-Awtorità tal-Ħatra l-effetti li jgħib miegħu l-annullament tad-deċiżjonijiet ikkcontestati u, b'mod partikolari, il-klassifikazzjoni fil-grad AST6, kif ukoll ir-retroattività tal-promozzjoni fil-grad AST6 mid-data ta' meta din kellha ssir effettiva, jiġifieri, l-1 ta' Jannar 2009;
- tħallas lir-rikorrent EUR 2 000 bħala kumpens għad-danni morali subti;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

---

### Rikors ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2010 — AM vs Il-Parlament

(Kawża F-100/10)

(2011/C 55/68)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: AM (Málaga, Spanja) (rappreżentanti: L. Lévi u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tirrifjuta li tikkunsidra bħala aċċident fis-sens tal-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 2 tal-iSKAM, l-istroke li kellu r-rikorrent.

### Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tat-12 ta' Novembru 2009 li tirrifjuta li tikkunsidra bħala aċċident fis-sens tal-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 2 tal-iSkema Konġunta tal-Assigurazzjoni għall-mard tal-Komunitajiet Ewropej, l-istroke li kellu r-rikorrent u, jekk ikun hemm bżonn, id-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li tiċħad l-ilment;
  - konsegwentement, tiddeċiedi li ssir evalwazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjoni mressqa mir-rikorrent abbażi tal-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal minn kummissjoni medika ġdid;
  - tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni, iffissati *ex aequo et bono* għal EUR 50 000 għad-dannu morali subit minħabba d-deċiżjonijiet ikkcontestati;
  - tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni, iffissati b'mod proviżorju għal EUR 25 000 għad-dannu materjali subit minħabba d-deċiżjonijiet ikkcontestati;
  - tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tal-interessi moratorji fuq il-kapital dovut abbażi tal-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal b'rata ta' 12 % fuq perijodu li beda jiddekorri l-iktar tard fil-15 ta' Marzu 2007 sal-ħlas komplet tal-kapital;
  - tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.
- 

### Rikors ippreżentat fl-14 ta' Novembru 2010 — Bowles et vs BĊE

(Kawża F-114/10)

(2011/C 55/69)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Carlos Bowles et (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukati)

Konvenut: Bank Ċentrali Ewropew

### Suġġett

L-annullament tad-dikjarazzjonijiet tas-salarju tar-rikorrenti ta' Jannar tal-2010 u tax-xhur ta' wara, sa fejn dawn jaapplikaw żieda fis-salarju ta' 2 %, wara l-eżerċizzju ta' aġġustament tas-salarji għall-2010, kif ukoll il-kumpens għad-danni materjali subiti mir-rikorrenti.